MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1171/2008

**Catherine Pace; Maria Aquilina; Maria Lourdes Axisa; Antonia Axisa; Saviour Axisa; Victor Axisa; Eugenio Axisa; George Axisa; Mansueta Axisa, Sister Nicholina Axisa; Maria Claudia Buhagiar, Davinia Anne Axisa u Doris Axisa ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Peter Paul Cutajar u Josephine *sive* Josette Cutajar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-imsemmija Catherine Pace (377949M); Maria Aquilina (786751M); Maria Lourdes Axisa (204453M); Antonia Axisa (421454M); Saviour Axisa (552055M); Victor Axisa (645657M); Eugenio Axisa

(665359M); George Axisa (665459M); Mansueta Axisa (318362M), Sister Nicholina Axisa (329165M); Maria Claudia Buhagiar (491779M), Davinia Anne Axisa (518182M) u Doris Axisa (698350M) ghal kull interess li jista' jkollha datat 25 ta' Novembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi huma jippossjedu flimkien u indivizament bejniethom hdax minn tnax-il parti indiviza (11/12) mis-segwenti immobbli;

(a) porzjoni diviza ta' art fabbrikabbli, gia formanti parti mill-art maghrufa 'Ta Blat il-Qamar', fi Triq it-Tank, Siggiewi, u li ghandha faccata ohra fuq triq gdida bla isem li tizbokka fi Triq il-Professur Enrico Vassallo, tal-kejl superficjali ta' cirka mitejn u erbgha u tletin metri kwadri (234 m.k.), inkluza l-parti intiza ghall-formazzjoni tat-triq u kwalunkwe sehem jew dritt li huma ghandhom fuq il-parti ta' Triq it-Tank faccata ta' din il-porzjoni.

(b) porzjoni diviza ta' art fabrikabbli, gia formanti parti mill-art maghrufa 'Ta Blat il-Qamar', fi Triq it-Tank, Siggiewi, u accessibbli wkoll minn passagg komuni li jizbokka fi triq bla isem li tizbokka fi Triq Blat il-Qamar, tal-kejl superficjali ta' cirka erba' mija u tlieta u sebghin metri kwadri (473 m.k.), inkluz kwalunkwe sehem jew dritt li huma ghandhom fuq il-parti ta' Triq it-Tank faccata ta' din il-porzjoni, u kwalunkwe sehem jew interess li huma ghandhom mill-imsemmi passagg komuni tal-kejl ta' cirka tliet mija u erbghin metri kwadri (340 m.k.).

Illi r-rimanenti sehem ta' parti wahda minn tnax-il parti indivizi (1/12) imsemmija proprjeta' immobbli tappartjeni lill-intimati flimkien bejniethom.

Illi l-imsemmija proprjeta' immobbli ilha mizmuma in komun bejn il-kontendenti u l-awturi taghhom ghal izjed minn ghaxar snin.

Illi l-proprjeta` fuq deskritta giet ghand il-kontendenti, jew l-awtur taghhom, b'wirt minghand Nicola u Josephine konjugi Axisa bis-sahha ta' testment *unica charta*

pubblikat min-Nutar Nicola Said fid-19 ta' Jannar 1976. L-imsemmija Josephine Axisa mietet fid-19 ta' Marzu 1991 filwaqt li zewgha Nicola Axisa miet fit-18 ta' Jannar 1992. Sussegwentement miet ukoll Francesco *sive* Francis Axisa, bin l-istess Nicola u Josephine konjugi Axisa, u wirtuh uliedu r-rikorrenti Maria Claudia Buhagiar u Davinia Anne Axisa bl-uzufrutt favur l-armla Doris Axisa.

Illi ghalhekk l-esponenti Catherine Pace, Maria Aquilina, Maria Lourdes Axisa, Antonia Axisa, Saviour Axisa, Victor Axisa, Eugenio Axisa, George Axisa, Mansueta Axisa u Sister Nicholina Axisa ghandhom parti wahda minn tnax-il parti indivizi (1/12) mill-imsemmija proprjeta' kull wiehed u wahda minnhom; filwaqt li l-esponenti Maria Claudia Buhagiar u Davinia Anne Axisa ghandhom parti wahda minn erbgha u ghoxrin parti (1/24) indiviza f'nuda proprjeta' kull wahda minnhom, waqt li ommhom Doris Axisa ghandha l-uzufrutt fuq sehemhom.

Illi sallum, hadd mill-komproprjetarji ma ntavola xi azzjoni gudizzjarja sabiex tinqasam bejniethom din il-proprjeta' komuni.

Illi l-esponent ftehmu li jbieghu l-immobbli fuq deskritti bil-prezz u l-kundizzjonijiet l-ohra tal-konvenju hawn anness u markat Dokument "A", izda l-intimati rrifjutaw minghajr raguni valida li jaqblu fuq dan il-bejgh.

Illi l-ishma tal-kontendenti, il-prezz tal-bejgh, kif ukoll il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li tahthom l-esponenti ser ibieghu l-beni immobbli fuq deskritti jirrizultaw mill-anness konvenju (Dokument "A") datat 24 ta' Awwissu 2006, kif sussegwentement emendat bi skrittura ohra datata 16 ta' Novembru 2007 (Dokument "B").

Illi ghall-finijiet tal-**artikolu 495A(2) tal-Kodici Civili**, l-esponenti qed jannettu ma' dan ir-rikors (i) dikjarazzjoni taghhom li huma jaqblu li jsir dan il-bejgh fit-termini tal-imsemmi konvenju (Dokument "C"); u (ii) prospett li juri l-ghadd u l-valur tal-ishma li ghandu kull wiehed minnhom (Dokument "D").

Illi l-intimati mhux ser jigu pregudikati jekk din il-Qorti tawtorizza l-bejgh tal-beni immobbli fuq imsemmija bil-prezz u l-kundizzjonijiet l-ohra stipulati fil-konvenju fuq imsemmi kif emendat.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tawtorizza l-bejgh tal-beni immobbli komuni fuq deskritti bil-prezz, bil-pattijiet u bil-kondizzjonijiet l-ohra kollha stipulati fil-konvenju fuq imsemmi datat 24 ta' Awwissu 2006 kif emendat bl-iskrittura msemmija datata 16 ta' Novembru 2007.

2. Tistabilixxi l-hin, il-jum u l-post meta u fejn ghandu jsir it-trasferiment.

3. Tahtar lin-Nutar Dottor Joanne Lia sabiex tippublika l-att ta' bejgh relattiv.

4. Tahtar lil wiehed jew aktar mill-esponenti sabiex jirrapprezentaw lil min mill-intimati jonqos milli jidher quddiem l-imsemmija Nutar ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh hekk awtorizzat.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat id-dikjarazzjoni u d-dokumenti esebiti tal-atturi minn fol. 4 sa fol 24 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 7 sa 26 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Geoffrey Valenzia ghas-seduta tat-9 ta' Jannar 2009.

Rat ir-risposta tal-intimati Peter Paul Cutajar 195660M u Josephine *sive* Josette Cutajar ID 502771M datata 22 ta' Dicembru 2008 a fol. 29 tal-process fejn esponew:-

Illi din hija risposta ghar-rikors tar-rikorrenti taht l-**artikolu 495A (2) tal-Kodici Civili**.

(1) Dan l-artikolu qatt ma kien intiz u l-anqas jista’ jigi applikat li maggoranza taqbad u taghmel li trid mhux b’fond wiehed imma f’diversi bcejjec ta’ art, ghax jekk huma komodament divizibbli, l-ewwel preferenza ghandha tkun li persuna tiehu dak li hu taghha in natura.

(2) L-esponenti qatt ma oppona li jiehu art ghas-sehem tieghu, u lest li jaghmel dan, u sahansitra kienet saritlu l-proposta bl-avukat John Laferla li hu jiehu plot li tigi tmiss ma’ art tieghu. Wara li saret din il-proposta, ma mxewx izjed bl-istess proposta. Da parti tieghu l-esponenti lest li jaccetta din il-proposta.

(3) Illi mhux minnu li l-esponenti kien involut fil-bejgh jew fil-konvenju. L-esponenti effettivament sar jaf ghaliex kien hemm xi diskors fis-suq li Carmel Camilleri kien qed ifittex xerrejja ghal dak li kien ghadu lanqas ghamel kuntratt fuqu. Illi l-**artikolu 495A (2)** qatt ma kien intiz biex jaghmel maggoranza taghmel li trid u lanqas tinforma li se jkun hemm konvenju u l-kundizzjonijiet tal-istess. Mhux minnu li jinghad li l-esponenti ma kellhomx raguni valida, ghaliex qatt ma kienu infurmati la biex jaghtu raguni favur u l-anqas biex jaghtu raguni kontra jew ma jaghtu l-ebda raguni.

(4) L-anqas il-prezz mhuwa reali. L-esponenti jaf u sema’ li min xtara diga` qed ibiegh bil-kelma u jmexxi l-kelma bi profit enormi fuq l-istess *plots*.

(5) Ghaldaqstant l-esponenti jopponu ghat-talba u jesigu li fl-ewwel lok issir l-indagini fuq il-proposta li kienet saret mill-mibki Dr. John Laferla, u fit-tieni lok dwar jekk l-artijiet humiex komodament divizibbli, u anke in ultima analizi jekk il-prezz hux reali u gust.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia tad-9 ta’ Jannar 2009 u tas- 6 ta’ Frar 2009.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Joseph Zammit Mc Keon tas-17 ta' Frar 2009, 24 ta' Marzu 2009 u 11 ta' Mejju 2009 fejn l-Imhallef sedenti astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.

Rat li din il-kawza giet appuntata minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghal 11 ta' Gunju 2009.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-16 ta' Frar 2010 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Brincat obbliga ruhu li jesebixxi l-kuntratt tal-akkwist tas-sehem ta' proprjetatjiet akkwistati mill-intimati mertu ta' din il-kawza b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti fi zmien ghaxart ijiem minn dan il-verbal. Gie provdut fl-istess digriet li jekk tali nota ma tigix ipprezentata fit-terminu moghti, jibda jiddekorri t-terminu tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2010.

Rat in-nota tal-intimati Cutajar datata 18 ta' Frar 2010 a fol 55 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Peter Paul Cutajar datata 12 ta' Marzu 2010 a fol 59 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 8 ta' April 2010 fejn il-Qorti ordnat li din il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal- Hamis 22 ta' April 2010 peress illi l-Qorti ghandha bzonn xi informazzjoni minghand il-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Catherine Pace et datata 19 ta' April 2010 a fol 68 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit- 22 ta' April 2010 fejn il-qorti nnominat il-Perit Tekniku Alan Saliba sabiex jaghmel stima tal-proprjeta` mertu tar-rikors odjern.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba ipprezentat fir-registru fit-28 ta' Mejju 2010 u mahluf fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2010, l-istess rapport jinsab esebit a fol 80 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tas-17 ta' Frar 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher il-konvenut. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza u saru l-ghaxra neqsin kwart (9.45 a.m.) ma deher hadd. Il-Qorti ddikjarat il-provi maghluqa. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-14 ta' Gunju 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija procedura a bazi tal-**artikolu 495 A tal-Kap 16** fejn jirrizulta li r-rikorrenti huma ko-propjetarji ta' zewg porzjonijiet divizi ta' art deskritti fir-rikors promotorju u cjoe:-

(a) porzjoni diviza ta' art fabbrikabbli, gia formanti parti mill-art maghrufa 'Ta Blat il-Qamar', fi Triq it-Tank, Siggiewi, u li ghandha faccata ohra fuq triq gdida bla isem li tizbokka fi Triq il-Professur Enrico Vassallo, tal-kejl superficjali ta' cirka mitejn u erbgha u tletin metri kwadri (234 m.k.), inkluza l-parti intiza ghall-formazzjoni tat-triq u kwalunkwe sehem jew dritt li huma ghandhom fuq il-parti ta' Triq it-Tank faccata ta' din il-porzjoni.

(b) porzjoni diviza ta' art fabrikabbli, gia formanti parti mill-art maghrufa 'Ta Blat il-Qamar', fi Triq it-Tank, Siggiewi, u accessibbli wkoll minn passagg komuni li jizbokka fi triq bla isem li tizbokka fi Triq Blat il-Qamar, tal-kejl superficjali ta' cirka erba' mija u tlieta u sebghin metri kwadri (473 m.k.), inkluz kwalunkwe sehem jew dritt li huma ghandhom fuq il-parti ta' Triq it-Tank faccata ta' din

il-porzjoni, u kwalunkwe sehem jew interess li huma ghandhom mill-imsemmi passagg komuni tal-kejl ta’ cirka tliet mija u erbghin metri kwadri (340 m.k.).

Jirrizulta li l-atturi bejniethom ghandhom sehem bejniethom ta’ 11/12 il-parti kif jidher mit-tieni (2) sar-raba’ (4) paragrafu tal-istess rikors, fil-waqt li l-konvenuti ghandhom sehem ta’ 1/12 u dan kif jinsab ikkonfermat anke minn prospett ipprezentat mir-rikorrenti mmarkat bhala Dok. “D” (fol. 23).

Illi jirrizulta li l-imsemmija porzjonijiet ta’ art kienu proprjeta’ ta’ Nicola Axisa li miet fit-18 ta’ Jannar 1992 u martu Josephine Axisa li mietet fid-19 ta’ Marzu 1991, u l-proprjeta’ ddevolviet ghand it-tnax uliedhom, u cjoe’ r-rikorrenti u Maria Claudia Buhagiar, Davina Anne Axisa u Doris Axisa ulied il-mejjet France Axisa, fil-waqt li l-konvenuti akkwistaw sehem tal-eredi Joseph Axisa mill-wirt tal-genituri tieghu permezz ta’ att pubbliku datat 31 ta’ Lulju 2000 fl-atti tan-Nutar Charles Vella Zarb (fol. 56) u jirrizulta li ghal xi raguni l-kontendenti ma qablux kif kellha tinqasam jew tinbiegh l-istess proprjeta’ u lanqas li tali proprjeta’ tinbiegh bil-mod kif hawn jigi propost mir-rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-affidavit ta’ George Axisa datat 4 ta’ Dicembru 2009 u dak ta’ Carmel Camilleri datat 8 ta’ Jannar 2010.

Illi l-istess rikorrenti permezz ta’ konvenju datat 24 ta’ Awwissu 2006 (Dok. “A”) kif emendat bi skrittura datata 16 ta’ Novembru 2007 (Dok. “B”) obbligaw ruhhom li jbieghu l-istess artijiet (allura wkoll sehem l-intimati) mertu tal-kawza odjerna lill certu Carmel Camilleri, u dan fis-somma ta’ €533,426.50 ekwivalenti ghal Lm229,000 (fol. 20).

Illi jirrizulta li l-intimati qed isostnu li huma ghandhom fejn jiehdu s-sehem taghhom mill-istess proprjeta’ fi proprjeta’ u wkoll ma jaqblux mal-prezz stabbilit fl-istess konvenju, izda fuq kollox jghidu li l-istess artikolu ma kienx intenzjonat sabiex jintuza ghal fejn hemm numru ta’ proprjetajiet u iktar u iktar fejn tali proprjetajiet huma komodament divizibbli. Dan kollu huwa rifless fir-risposta

tal-intimati u fl-affidavit tal-intimat Peter Paul Cutajar datat 19 ta’ Jannar 2010 (fol. 52).

Illi jirrizulta li dawn ma kienux il-proprjetajiet kollha derivanti mill-istess wirt ta’ Nicholas u Josephine mizzewgin Axisa, tant li fl-istess kuntratt tal-31 ta’ Lulju 2000 hemm imsemmija proprjetajiet ohra (fol.56) u kif indikat fin-nota tal-intimati datata 9 ta’ Gunju 2010 (fol. 73) u dik tar-rikorrenti datata 18 ta’ Gunju 2009 (fol. 77).

Illi jinghad li mill-istess kuntratt datat 31 ta’Lulju 2000, l-intimat xtara biss porzjoni diviza tal-proprjetajiet immobbli formanti parti mill-wirt tal-imsemmija Nicholas u Josephine mizzewgin Axisa u mhux porzjoni ereditarja tal-istess wirt, u dan ghaliex jirrizulta espressament mill-istess kuntratt li l-assi mobbli formanti parti minn tali eredita’ gew ghal kollox eskluzi.

Illi jirrizulta ukoll li mill-istima tal-istess proprjetajiet maghmula mill-Perit Alan Saliba datata 28 ta’ Mejju 2010 (fol. 78) l-proprjeta’ mertu tal-kawza odjerna tiswa komplessivament l-ammont ta’ €521,000 u allura l-allegazzjoni tal-intimati li l-prezz indikat fil-konvenju kif emendat huwa baxx ma gietx ippruvata ghaliex il-prezz hemm pattwit fl-istess konvenju (Dok. “A” u “B”) huwa dak ta’ €533,426, u allura din l-eccezzjoni tal-intimati qed tigi michuda.

Illi l-intimati jsostnu li l-proprjeta’ hija komodament divizibbli, izda dwar il-prorpjeta’ mertu tal-kawza odjerna, dan certament ma giex ippruvat, u fil-fatt lanqas tant allegat mill-intimati. Jidher li l-intimati qed isostnu li peress li hemm proprjetajiet ohra li huma indivizi bejn il-kontendenti, din il-procedura ma tistax tintuza, ghaliex l-intimat ghandu dritt li jiehu s-sehem tieghu mill-istess proprjeta’ fi proprjeta’ , izda din il-Qorti thoss li dan ma jistax jigi applikat bhala ostakolu ghall-applikazzjoni tal-provedimenti tal-**artikolu 495 A tal-Kap. 16** li abbazi tieghu qed issir din l-azzjoni, u dan peress li dak li dan l-artikolu jirrikjedi huwa (a) li tali proprjeta’ tkun ilha in komun ghal izjed minn 10 snin; (b) hadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal iehor ghall-

qsim tal-proprjeta' li tkun qed tinzamm in komun; (c) il-ko-proprjetarji jonqsu milli jiftehmu dwar il-bejgh ta' xi proprjeta' partikolari bejniethom; (d) li l-qorti tkun sodisfatta li hadd mill-ko-proprjetarji ma jkun pregudikat b'dak li tordna.

Illi jirrizulta li dawn l-elementi kollha gew sodisfatti u l-argument li dan l-artikolu kien intiz biss ghall-proprjeta' wahda ma jreggiex ghaliex jirrizulta li skond l-**artikolu 495 A (2)** hemm riferenza li dan l-artikolu japplika mhux biss ghall-kaz meta jkun hemm proprjeta' wahda in komun, izda anke meta hemm diversi proprjetajiet mizmuma hekk in komun, tant li l-istess subartikolu jaghmel riferenza ghall- *"hwejjeg"* li *"ikunu gew in komun u c-cirkostanzi relattivi taghhom",* b'dan li jidher car li l-istess disposizzjoni ma ghandiex applikazzjoni limitata kif qed jissuggerixxu l-istess intimati, tant li din il-Qorti thoss li l-ligi hija cara dwar dan.

Illi dan johrog ukoll car minn dak li jipprovdi l-**artikolu 495 tal-Kap. 16** li wkoll jirreferi ghal *"kull haga f'dik il-proprjeta'"* u din hija ndikazzjoni ohra li fil-fatt l-istess disposizzjonijiet li dahlu in vigore bl-Att XVIII tat-2004 jirreferu ghal diversi proprjetajiet, u dak li huwa essenzjali li ma jkunx hemm kawza ghall-qsim tal-istess proprjeta' pendenti quddiem din il-Qorti jew Tribunal iehor li jista' jkun kompetenti. Fil-fatt minkejja dak li jghidu l-intimati, huma ma istitwew l-ebda procedura la ghad-divizjoni u lanqas ghal-licitazzjoni tal-istess proprjeta', nkluza dik mertu tal-procedura odjerna. u ghalhekk ma hemm l-ebda ostakolu sabiex tirnexxi din il-procedura proposta mir-rikorrenti skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 495 A tal-Kap. 16.**

Illi ghalhekk jirrizulta mill-atti processwali li l-elementi kollha indikati fl-**artikolu 495A tal-Kap. 16** gew ilkoll sodisfatti, u dan peress li ma jidhirx li l-istess bejgh ser ikun ta' pregudizzju ghall-ko-propretarji, u li l-intimati ser jiehdu f'valur iktar minn dak li gie stmat li jiswa s-sehem taghhom skond l-istima peritali li saret f'din il-procedura, u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu milqugha u dan

anke ghaliex il-prezz pattwit fl-istess konvenju huwa wiehed xieraq u gust fic-cirkostanzi fil-parametri tal-ligi.

Illi fl-ahharnett jinghad li huwa pacifiku li l-proprjeta' ilha hekk mizmuma in komun ghal iktar minn ghaxar snin u wkoll li l-kontendenti ma lahqux ftehim sabiex l-istess proprjeta' tinbiegh jew tigi diviza, u ghalhek anke hawn l-elementi necessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni tar-rikorrenti gew ilkoll sodisfatti

Illi kwantu ghall-argument propost mill-intimati li huma xorta wahda ghandhom dritt jiehdu s-sehem taghhom mill-proprjeta' kollha mizmuma in komun bejn il-partijiet in komun u f'dan il-kuntest ghandha tittiehed in konsiderazzjoni wkoll proprjeta' ohra mhux mertu ta' din il-proceduri, dan ma huwiex fl-opinjoni tal-Qorti sostenibbli, u dan peress li l-**artikolu 495 A tal-Kap. 16** ma jaghtix additu ghal tali interpretazzjoni, u dan iktar u iktar meta jirrizulta li wahda mir-rekwiziti sabiex japplika dan l-artikolu huwa li hadd mill-ko-proprjetarji ma jkun istitwixxa proceduri ta' qasma tal-proprjeta' hekk mizmumka in komun, haga li l-intimat seta` facilment jaghmel, qabel dawn il-proceduri, izda qatt ma ghamel u ghalhekk din il-Qorti, f'dawn it-tip ta' azzjonijiet ghandha biss tittratta t-talba li ghandha quddiemha u tiehu in konsiderazzjoni biss l-istess b'hekk li f'dan il-kuntest ukoll l-eccezzjonijiet tal-intimati f'dan is-sens qed jigu michuda.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigi milqugha fis-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati kontenuti fir-risposta taghhom datata 22 ta' Dicembru 2008 peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors taghhom datat 25 ta' Novembru 2008**, b'dan illi:-

1. Tawtorizza l-bejgh tal-beni immobbli komuni fuq deskritti bil-prezz, bil-pattijiet u bil-kundizzjonijiet l-ohra kollha stipulati fil-konvenju fuq imsemmi datat 24 ta' Awwissu 2006 kif emendat bl-iskrittura msemmija datata 16 ta' Novembru 2007.

2. Tistabbilixxi d-data tal-20 ta' Lulju 2011 fil-11.30 a.m. f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, Valletta, sabiex jigi ppubblikat l-att notarili relattiv sabiex isir it-trasferiment mertu ta' dawn il-proceduri skond il-prezz u l-kundizzjonijiet l-ohra kollha kif stipulati fil-konvenju datat 24 ta' Awissu 2006, kif emendat bl-iskrittura datata 16 ta' Novembru 2007.

3. Tahtar lin-Nutar Dottor Joanne Lia sabiex tippubblika l-att ta' bejgh relattiv.

4. Tahtar lil Dr. Gabrielle Zammit bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lil min mill-intimati jonqos milli jidher quddiem l-imsemmija Nutar ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh hekk awtorizzat.

Bl-ispejjez jinqasmu bejn il-kontendenti kollha skond is-sehem rispettiv taghhom fl-istess proprjeta' mertu tal-procedura odjerna.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------